Citta' Notabile

# AGENDA

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti mqajma
3. Komunikazzjoni mis-Sindku
4. Korrispondenza
5. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet u ħlasijiet ta' Petty Cash
6. Affarijiet oħra meqjusa urgenti
7. Aġġornament

Minuti tal-laqgħa numru 43 tas-seba Kunsill

| | |
|---|---|
| POST | Sala tal-Kunsill |
| DATA | 6 ta' Settembru 2016 |
| HIN | 3.00 pm |

| Kariga | Isem | Inizjali | Presenza |
|---|---|---|---|
| Sindku | Peter Sant Manduca | PSM | Prezenti |
| Vici Sindku | Joseph  Debono | JD | Prezenti |
| Kunsillier | Jane Attard | JA | Prezenti |
| Kunsillier | Camille Scerri | CS | Skuzata |
| Kunsillier | Mary Ann Sultana | MS | Prezenti |
| Seg. Ezekuttiv | Mark Mallia | MM | Prezenti |

**Il-Kunsilliera Camille Scerri infurmat lis- Segretarju Ezekuttiv li ma setatx tkun prezenti għall-laqgħa minħabba mpenji ta' xogħol.**

**43.1 Approvazzjoni tal-Minuti**

43.1.1 Il-Minuti tal-Laqgħa numru 42 ġew approvati

**43.2 Punti Mqajma**

43.2.1 Is- Sindku tkellem fuq l-laqgħa li kellu mad-Direttur tal-Lands fejn jidher li hemm qbil biex fir-rigward ta' Casino Notabile jitwal il-perjodu ta' kirja minn tlett (3) snin għal għaxar (10) snin kif ukoll l-uzu tal-post fejn tizdied l-attivita ekonomika li jkun jista' jsir ġewwa Casino Notabile. Sadanittant intbgħatet ittra lid-Dipartiment għal Gvern Lokali biex tingħata in-*No Objection* fejn umbat nipproċedu mal-Lands Department.

**43.3 Komunikazzjoni tas- Sindku**

43.3.1 Is-Sindku PSM infurma lill-Kunsill li kellem lil Perit David Vassallo minn TM biex titwaħħal *crush barrier* fit-tarf tan-nizla tar-*Roman Villa*. Il-perit ma sab ebda oġġezzjoni u talab lil Kunsill biex jikteb lilu direttament.

43.3.2 Is-Sindku PSM infurma lill-Kunsill li l-Provinċjal tal-Frangiskani, Fr. Ray Francalanza bgħat il-pjanti dettaljati kif ukoll is-sistema ta' kif ser jiġi restawrat is- Salib li jinsab f'Howard Gardens. Is- Sindku talab li nibgħatu għall-approvazzjoni tal-MEPA lis- Sur Joe Magro Conti.

43.3.3 Is-Sindku PSM xtaq jirrimarka u talab lis- SE biex jitnizzlu fil-minuti is-sitwazzjoni li sab ruħu l-Kunsill waqt is-seduta ta' l-appell li sar minn WM Environmental Ltd fuq it-Tender tal-Ġnien MLC 2/16. Huwa qal li jiddeplora dak li kien għamel l-ex Segretarju Ezekuttiv, is- Sur Paul Spiteri waqt il-qadi ta' dmirijietu fejn kienu ħarġu *default notices* fil-konfront ta' WM Environmental Ltd u fl-istess waqt mingħajr ma kien jaf il-

Kunsill, jinħarġu ittri ta' rakkomandazzjoni lill-istess kuntrattur. Dan wassal biex l-appell intilef mill-Kunsill bil-konsegwenza li dan in-nuqqas tas- Sur Spiteri ser jirrefletti ħazin fuq l-operat tad-tindif.

43.3.4 Is-Sindku PSM talab lis- SE biex jitlob laqgħa mal-MTA fir-rigward tal l-ispejjez esorbitanti li qed jintefqu fuq it-tiswijiet tad-dawl fi Gnien Howard Gardens u li l-Kunsill finanzjarjament ma jiflaħx għalihom.

43.3.5 Is- Sindku PSM infurma lill- Kunsill fuq il-laqgħa li kellu mal-WasteServ fuq il-problema ta' l-iskart organiku li qed jinġabar mill-Kunstrattur imma jidher li mhux qed jitwassal ġewwa l-impjant tar-riċiklaġġ ta' Sant'Antnin f'Marsascala kull darba li ssir il-ġabra. Huwa ser ikellem lil- kuntrattur biex jara x'qed iwassal għal dan in-nuqqas. Sadanittant bħala Wasteserv ser jippruvaw jaraw il-possibilta' li dan l-iskart jibda jitwassal l-impjant tal-Magħtab.

43.3.6 Is-Sindku PSM talab lis- SE biex jikteb lil-Perit N. Gatt fuq iz-zmien twil li qed jieħu biex jitlesta ix-xelter taz-zwiemel.

## 43.4 <u>Korrispondenza</u>

43.4.1 Ilment mingħand is- Sinjura Borg Vella fejn qed titlob li għandu jsir manutenzjoni tal-bandli għaliex jiedher li hemm xi periklu għat-tfal. Il-Kunsill talab lis- SE biex jara x'tiswijiet hemm bzonn isiru.

43.4.2 Ittra mingħand id- Dipartiment tal- Kura Primarja tas- Saħħa rigward it-tilqim ta' l-influenza li tgħalaq nhar it-Tnejn, 3 ta' Ottubru 2016

43.4.3 Ittra mingħand l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli lokali rigward il-kooperazjoni tagħhom ma TM fuq mizuri alternattivi ta' Trasport.

## 43.5 <u>Approvazzjoni ta' Ħlasijiet u ħlasijiet ta' Petty Cash</u>

43.5.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta’ ħlasijiet li ġġib id-data tas- 6 ta' Settembru 2016 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta’ € 17,934.07.

43.5.2 L-iskeda ta’ ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera MS li kien issekondat mill-Kunsilliera JA. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta’ ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li huwa dokument korrett.

**41.7** **Affarijiet oħra meqjusa urġenti**

**41.7.1** Il-Kunsill talab lis- SE biex jikteb lis- Sur Cleaven Vella mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fuq ir-restawr tat-taraġ fejn it-telgħa tal-Madonna.

**41.8** **Aġġornament**

41.8.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ġiet aġġornata għal 11 ta' Ottubru 2016 fit-3pm.

__IFFIRMATA_____
Peter Sant Manduca
Sindku

__IFFIRMATA_______
Mark Mallia
Segretarju Ezekuttiv

Data: 11-10-2016________